C/2023/1088

21.11.2023

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11301 — WÜRTH / DREES / LCM (JV))

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2023/1088)

1. Fit-13 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Adolf Würth GmbH & Co. KG ('Würth', il-Ġermanja), ikkontrollata minn Reinhold Würth,

— Drees & Sommer SE ('Drees', il-Ġermanja), li tappartjeni għall-Drees & Sommer Gruppe,

— LCM Digital GmbH ('LCM', il-Ġermanja), li qabel kienet ikkontrollata esklużivament minn Drees.

Würth u Drees jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' LCM.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Würth hija attiva fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni globali tal-materjali tal-assemblaġġ u tal-irbit. Il-kumpaniji tal-grupp Würth huma maqsuma f'żewġ entitajiet: Il-linja Würth tiffoka fuq il-produzzjoni u l-bejgħ ta' materjali tal-assemblaġġ u tal-irbit għall-klijenti artiġjanali, tal-kostruzzjoni u industrijali. L-Allied Companies, magħmula minn kumpaniji kummerċjali u tal-manifattura, huma attivi f'attivitajiet relatati, bħal servizzi elettriċi, elettroniċi u finanzjarji bl-ingrossa.

— Drees hija attiva fil-konsulenza, l-ippjanar u l-ġestjoni tal-proġetti, filwaqt li tappoġġa klijenti privati u pubbliċi u investituri fil-proprjetà immobbli u l-infrastruttura.

— LCM tispeċjalizza fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet u prodotti diġitali, b'enfasi fuq soluzzjonijiet diġitali għall-klijenti fl-industrija tal-kostruzzjoni. LCM toffri servizzi bħall-iżvilupp ta' software, l-iżvilupp ta' apps, soluzzjonijiet tal-kummerċ elettroniku u l-istrateġiji ta' kummerċjalizzazzjoni. Sa issa LCM kienet attiva fl-UE u l-Iżvizzera.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11301 — WÜRTH / DREES / LCM (JV)

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-'Regolament dwar l-Għaqdiet').
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta, fejn għandhom jintużaw id-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË